MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2011

Numru 236/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**CARMEL VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Vella ta' 42 sena, bin il-mejjet Salvatore u Carmela imwielda Gatt, imwieled Senglea fis-7 ta' Lulju 1961, li joqghod Saratoga, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 531361(M).

Billi gie akkuzat talli fil-San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi ohra, f'dawn il-Gzejjer, fl-1993 u fi xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,
(a) b'ghemil zieni kkorrompa li minuri – omissis -;
(b) minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess – omissis -, kontra l-volonta' tieghu sabiex bhala ragel gieghelu jaghmel jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess teighu;
(c) offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tieghu datata 15 ta' April, 2005 liema artikoli huma 18, 203, 86, 87, 533 tal-Kodici Kriminali (Ara fol. 78 tal-Process).

Innutat li fis-Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005 l-imputat Carmel Vella iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja (Ara fol. 88 tal-Process).

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Innutat li fis-Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010 matul it-trattazzjoni tad-Difiza Dr. Kris Busietta ghall-imputat inkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat eccepixxa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 688(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond l-artikolu 688(c) tal-Kap. 9 bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin.

Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni argumentat li l-akkuzi migjuba kontra l-imputat mhux preskritti.

Rigward l-ewwel akkuza li tinkwadra fl-artikolu 203 tal-Kap. 9 il-Prosekuzzjoni sostniet li stante illi meta allegatament gie kommess dan ir-reat l-allegata vittma kien ghadu ma ghalaqx it-tnax il-sena u ghaldaqstant il-piena applikabbli ghal dan ir-reat hi minn tliet snin sa sitt snin skond l-artikolu 203(1) (a) tal-Kap. 9 u dan a kuntrarju tas-sottomissjoni tad-Difiza li l-piena ghall-ewwel akkuza hi ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin.

Inoltre il-Prosekuzzjoni issottomettiet li f'dan il-kaz rigward l-akkuzi migjuba kontra l-imputat japplika dak previst fl-artikolu 18 tal-Kap. 9. Konsegwentement il-Prosekuzzjoni sostniet li meta tigi kalkulata il-piena ghall-akkuzi migjuba kontra l-imputat mehud kont ta' dak previst fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 l-akkuzi migjuba kontra l-imputat mhux preskritti.

Id-Difiza sostniet li dak previst fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 ma japplikax ghal fini tal-komputazzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti sejra issa taghmel referenza ghas-segwenti brani mis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Carmel A. Agius) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Alphonse Cauchi) vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri" deciza fit-30 ta' Ottubru, 2001 liema Sentenza irriferiet ghaliha id-Difiza fit-trattazzjoni taghha. "Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.

Dan ifisser essenzjalment ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kif inghad qed tabbraccja t-tezi migjuba 'l quddiem mill-appellat, illi anki li kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha titiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi iffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din

il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici."
"......................................."

"Din il-Qorti taghmel taghha ukoll is-sottomissjoni li ghamel l-appellat li l-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artikolu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghall-finijiet tal-preskrizzjoni "ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett". Ghalhekk din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu ukoll ikun gie preskritt. Jigifieri f'kelma wahda din il-Qorti qed tghid li ma tistax il-prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita' biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhala ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita' l-piena applikabbli tista' u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bl-gradi li hemm imsemmi fl-art. 18 tal-Kodici Kriminali."

In kontrast ghas-Sentenza hawn fuq riferita il-Qorti sejra issa taghmel referenza ghas-segwenti brani mis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Vincent Degaetano) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Joseph Borg" deciza fl-10 ta' Mejju, 2000: "5. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, sedenti l-kompjant Imhallef Fortunato Mizzi, fis-Sentenza ta' l-4 ta' Novembru, 1976 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Grazio Zerafa***, iz-zieda fil-piena stabbilita bl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jigi determinat taht liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-Artikolu 688 ghandu jigi kunsidrat id-delitt in kwistjoni[5]. In fatti l-Artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dana l-Artikolu 689. Fil-ligi taghna ir-reat kontinwat, li kien gie mudellat fuq l-Artikolu 79 tal-*Codice Zanardelli*[6], u meqjus bhala forma *sui generis* ta' konkors

ta' reati[7], bil-partikolarita' li d-diversi reati jitqiesu bhala reat wiehed." (Ara footnotes 5, 6 u 7 li qedin fis-Sentenza hawn riferita).

Din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut u hawn fuq citat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Borg". Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 689 tal-Kap. 9 li jghid: "Ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun oridinarjament suggett, apparti kull skuza jew cirkostanza ohra partikolari li, minhabba fiha, skond il-ligi, r-reat ikun suggett ghal piena izghar; lanqas ma ghandhu jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba recidiva."

Dan l-artikolu, kif gustament qalet il-Qorti fis-Sentenza hawn fuq riferita "Il-Pulizija vs Joseph Borg", jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Jirrizulta illi iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix qeda inkluza fl-imsemmi artikolu 689. Kieku l-legislatur ried jinkludi l-kontinwat f'dan l-artikolu bhala haga li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni kien jinkludi l-kontinwat f'dan l-artikolu – *Ubi voluit dixit*.

Ta' min jinnota li l-artikolu 689 tal-Kap. 9 tinkludi ir-recidiva bhala wahda minn dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Issa l-artikolu 50 tal-Kap. 9 jghid: "Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ............ tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena." Hawn il-Qorti tissottolinja il-kelma "tista" fl-artikolu 50 tal-Kap. 9. Ghaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti l-argument li rigward l-kontinwita' l-piena applikabbli tista u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bil-gradi li hemm imsemmi fl-art.18 tal-Kap. 9 u *ergo* m'ghandiex tittiehed in konsiderazzjoni sabiex wiehed jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni ma treggix, anzi tkompli ssahhah il-fehma ta' din il-Qorti li kieku il-legislatur ried li l-kontinwita m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni sabiex wiehed jistabilixxi zmien tal-preskrizzjoni kien allura il-legislatur jinkludiha fl-artikolu 689 tal-Kap. 9.

Konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma li iz-zieda fil-piena stabbilita bl-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha titiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni. Ezaminati l-atti tal-kawza, il-provi prodotti u mehuda in konsiderazzjoni il-provvedimenti tal-Ligi applikabbli, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni li l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Carmel Vella fil-kawza odierna mhux preskritti. Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minn Dr. Kris Busietta ghall-imputat fit-trattazzjoni liema eccezzjoni giet sollevata inkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat a tenur tal-artikolu 688(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni tal-Ispettur Louise Calleja li fis-Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004, *inter alia,* qalet: "..............................." "Issa Sur Magistrat, fis-sena 2000 certu – omissis -, ..........., kien gie l-Iskwadra taghna fejn kien gie biex jiehu parir dwar abbuz li kien gara fuqu. Dak iz-zmien hu ma kienx tkellem mieghi, pero' kien tkellem ma' nies gewwa l-"Vice Squad". "......................."

"Intant, xi sena, sena u nofs wara, biex inkun ezatt f'Dicembru tas-sena 2002 l-istess – omissis - kien gie ghandna l-"Vice Squad", din id-darba kien tkellem mieghi, fejn qal, fejn ghamel rapport dwar dan l-abbuz. Hu kien qal illi hu <u>meta kellu hdax-il sena</u> kien gie abbuzat seswalment minn certu Lino Vella u ....................."

"Qal ukoll ..........., Vella l-imputat kien qal, kien saqsa lil – omissis - jekk hux kapaci jzomm sigriet. Dana – omissis - ma esprimiex ruhu, pero' imbaghad ftit wara kien gewwa "<u>drive-in</u>" fl-"area" ta' hemmhekk stess <u>u qallu biex inehhi l-malja. It-tifel nehha l-malja, nehha l-malja ukoll is-Sur Vella u hemmhekk is-Sur Vella mess il-parti privata ta' – omissis - u qal lil – omissis - ukoll biex jimmasturbah.</u>

<u>Dawn, kif spjega – omissis -, dawn l-atti graw iktar minn darba u damu fi tlett (3) xhur ta' kemm damu villegjatura.</u> – omissis - spjegalna ukoll li dak iz-zmien kien tah xi rigali

li kienu jikkonsistu f' "model vintage cars", kien tah brazzuletta tad-deheb u kif ukoll karozza bir-"remote control". (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta' – omissis -, li fis-Seduta tas-26 ta' April, 2004, inter alia, qal: "Illum jien ghandi tnejn u ghoxrin (22) sena............". "Nghid illi jiena l-ewwel darba li kont mort ghand il-Pulizija kien fis-sena 2000." "................................" "Jiena mbaghad ir-rapport kont ghamiltu lill-Pulizija fl-2002 u dan f'Mejju, fid-9 ta' Mejju, 2002. Jien ghamilt dana r-rapport fuq abbuz li kien sar fuqi minn Lino Vella u lil dana Lino Vella qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla.

Nghid illi jiena kelli madwar ghaxra jew hdax-il sena, l-imputat kien habib taghna u kont iltqajt l-ewwel darba mieghu fic-Centru ta' Fleur-de-Lys. Kien habib tal-familja taghna. Nghid illi fis-Sajf ahna konna nitilghu San Pawl – dana qed nirreferi ghall-familja taghna – konna ninzlu x-"Sirens Waterpolo Club". L-imputat kien jigi hemmhekk bhala habib tal-familja tieghi u nghid waqt li jiena inkun qed nghum l-imputat kien joqghod mal-membri tal-familja tieghi". "................................"

"F'din l-okkazzjoni, u cioe' meta kien qalli jekk jiena nafx inzomm sigriet, kien hadni gewwa post imwarrab, u dana hdejn is-"Sirens Club", huwa qalli biex innehhu l-malja halli nnixxfuha qabel ma nidhlu fil-karozza. Huwa nehha l-malja tieghu u jiena bdejt niddejjaq innehhi l-malja tieghi, u nghid speci kelli nnehhiha, u nghid speci ghax ma kellix "options" ohra x'naghmel. Meta nghid meta l-imputat nehha l-malja tieghu, hu gie gharwien. Nghid ukoll jiena gejt gharwien meta nehhejt il-malja tieghi. Nghid illi l-post fejn gara dan li qed insemmi kien gewwa "drive in" privata f'San Pawl il-Bahar. Nghid illi lili mbaghad jiena wara li kont nehhejt il-malja lili beda jimsahni b'xugaman u qalli biex jiena ma ncappaslux il-karozza." "....................................." "Nghid illi l-imputat lili xxuttali ukoll il-genitali tieghi u nghid illi mbaghad b'idejh l-imputat messni. Huwa mess il-genitali tieghi.

Nghid illi qabel ma l-imputat kien ixxotta lili, huwa kien ixxotta lilu nnifsu u beda jmiss il-genitali tieghu quddiemi. Jiena ghal dak l-agir gejt ixxukkjat u bla kliem. Lili ukoll qabbadni f’dik l-okkazzjoni biex immiss il-genitali tieghu u biex nimmasturbah. Nghid illi jiena ma kontx naf kif issir masturbazzjoni u kien l-imputat illi qalli kif naghmel il-masturbazzjoni. Nghid illi wara certu hin illi jiena kont qed nimmasturba lill-imputat, dana gie. Nghid dak iz-zmien jiena ma kontx naf xi tfisser dik il-haga; illum naf. Nghid huwa lili kien f’dik l-okkazzjoni ukoll missli l-genitali u kien dahhal il-genitali tieghi f’halqu, u dana qed naghmel referenza ghall-pene, fis-sens li dan kien dahhal il-pene tieghi f’halqu.” “.......................................................”

“Nghid ahna biex morna f’din id-“drive” privata fejn semmejt li sehh l-akkadut ahna ghadejna minn go “gate” tal-hadid, nghid il-post kien privat u ahna mhux suppost dhalna hemm gew. Wara din l-okkazzjoni, dan il-post jiena u l-imputat konna morna diversi drabi dawna xi erba’ jew hames (4-5) darbiet. Nghid illi f’dawn l-okkazzjonijiet l-imputat lili, kien igieghelni nimmasturbah, u nghid dan kien fil-perjodu li jien kelli bejn ghaxra (10) u hdax-il (11) sena.”

Inzid nghid ukoll illi fis-“Sirens Club” kellhom ix-“showers” u darba minnhom konna morna niehdu “shower”, huwa ghalaq il-bieb, konna wahedna u hu kien gieghelni nerga’ nimmasturbah. Nghid anke f’din l-okazzjoni l-imputat kien gie. Okkazzjoni ohra kienet meta missieri kien wassal lill-imputat bil-karozza hdejn is-“Sirens Club” biex dan jiehu l-karozza tieghu u bhala kumpanija missieri qalli biex immur mieghu, cjoe’ biex jien immur ma’ l-imputat. Kontra qalbi kelli mmur u f’dik l-okkazzjoni l-imputat kien gieghelni nimmasturbah gewwa l-karrozza tieghu, u dana bejn il-“Gillieru” u l-pont ta’ Bugibba.” “..................”

“Nghid illi kull meta konna mmorru x’imkien wahedna, jien kont nibza’ mill-imputat u kont nghidlu li jien kien ikolli ugigh ta’ ras jew li tkun qieghda tugaghni zaqqi, pero generalment hu ma kienx jaghti kaz.” “..............................” “Nghid f’okkazzjoni ohra fejn konna morna fid-“drive in” privata li jiena diga’ semmejt, lili l-imputat, nghid l-imputat

<u>riedni li jiena indahhal il-pene tieghu f'halqi u jiena ghidtlu illi halqi kien zghir wisq ghal hekk</u>, imbaghad peress li hu ra li jiena ma ridtx ma garax dan." "..................................."

"Nghid lili l-imputat kien tani brazzuletta tad-deheb, karozza tar-"remote control" "vitara" u tliet (3) "vintage cars" li kienu jtuh bhala "free gift" mal-laned taz-zejt." "........................................" "<u>Nghid dana l-abbuz baqa ghaddej ghal madwar tliet (3) xhur. Nghid allura dan qisu l-perjodu kollu tas-Sajf.</u>"

"....................................................................." "<u>Nghid qabel jiena din l-esperjenzi sesswali li semmejt li gara jiena qabel qatt, lanqas biss kont naf x'jigifieri esperjenzi sesswali.</u>"

"Nghid illi qabel ma jiena ghamilt ir-rapport formali lill-Pulizija kont rajt lill-imputat ghaddej bil-"minibus", u dana l-ewwel rajtu bil-"minibus" faccata tad-dar taghna, u dan kien qieghed bil-"minibus" fil-pompa tal-"petrol", imbaghad kont narah frekwentement Birkirkara jistenna lit-tfal tal-"Little Angels"." ".............................." "Jiena hassejt illi kienet fuq il-kuxjenza tieghi illi jekk inhalli illi dawn it-tfal iz-zghar jghaddu milli ghadejt jiena u li prattikament ghadni ghaddej bit-trawma jien ukoll, anke dana in kwantu ghar-relazzjoni tieghi mat-tfajla tieghi." (Sottolinjar tal-Qorti).

Fis-Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005 ix-xhud – omissis -, xehed illi: "Nixtieq nghid illi wara l-okkazzjoni li kien sehhew affarijiet sesswali bejni u bejn l-imputat imbaghad allura fl-okkazzjonijiet ta' wara fejn inkunu nispiccaw wahedna flimkien jien lill-imputat kont nghidlu li jien kont inkun ma niflax u kienet tugaghni rasi u zaqqi u l-imputat kien dejjem jghidli issa jghaddilek, issa jghaddilek. Nghid illi pero' minkejja dan li kont nghidlu l-imputat l-affarijiet sesswali xorta kien jaghmlilhom. F'okkazzjonijiet fejn inkunu jew fil-karozza ta' l-imputat jew inkunu qeghdin fis-shower dan is-showers tal-pitch tas-Sirens <u>nghid illi f'dawn l-okkazzjonijiet jien qatt ma stajt nahrablu lill-imputat ghaliex jew fil-kaz tas-showers tas-Sirens kien ikun hemm cavetta wahda u hadt ma kien ikun jista jidhol warajna ghaliex il-bieb kien jinghalaq warajna u fil-karozza</u>

l-imputat kellu s-central locking u nghid illi fil-post fejn kien qieghed naqra 'l boghod mill-pitch tas-Sirens fejn wiehed jrid jitla ghalih go sqaq u tidhol minn go private area minn go gate nghid hemmhekk kont inkun f'sitwazzjoni fejn jien kont inkun gharwien u allura ma stajtx naqbad u nitlaq u kieku jien ippruvajt nahrab kien hemm il-gate li jekk jiena nipprova nahrab l-imputat kien jipprova jilhaqni." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tirrileva li dak sottolinjat minnha fid-deposizzjoni hawn fuq citata tax-xhud – omissis - fis-Seduta 5/7/2005 hi importanti hafna ghas-sussistenza tat-tieni (2) akkuza migjuba kontra l-imputat liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 86 tal-Kap. 9 (Arrest, detenzjoni jew Sekwestru kontra l-ligi).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tal-imputat Carmel Vella li, minn jeddu, fis-Seduta tal-4 ta' Lulju, 2007, *inter alia*, qal: "............................................................"

"- omissis - nghid illi kull darba li jiena hadt shower – omissis - ma kienx gewwa x-shower. Nghid illi jiena nichad katerigorament li jiena ghamilt xi abbuzi ta' natura sesswali fix-shower. Anzi inzid nghid kif diga' ghidt jiena qatt ma kont inkun fix-shower u kien ikun hemm – omissis - prezenti. Jiena nichad bil-qawwa kollha illi jiena abbuzajt sesswalment minn – omissis - u dan mhux biss in kwantu ghal dina tax-showers imma f'kull post li allega – omissis - li jiena abbuzajt minnu."

"......................................................." "Nghid illi jiena qatt ma ghabbejt fil-vettura lil – omissis -. Jiena qatt ma hadt lil – omissis - la b'karozza u lanqas bil-mixi gewwa xi drive in ta' xi dar privata. Jiena nichad katerigorament li - omissis dahal gewwa il-vettura tieghi."

"......................................................." "Nghid dawna l-karozzi zghar lili l-Ispettur kienet urithomli. Nghid illi jiena bil-gurament tieghi nichad illi jiena dawn il-karozzi kont tajthom lil – omissis - jien. Jiena nichad lil lill - omissis - kont tajtu brazzuletta tad-deheb. Lanqas ma tajt lill-istess

– omissis - xi karozza tar-remote control. Jiena lill – omissis - qatt ma tajtu xi affarijiet. Nghid bil-gurament tieghi li jiena fl-ebda okkazzjoni ma abbuzajt sesswalment minn dana – omissis -.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa il-Qorti sejra ticcita brani mid-deposizzjoni tax-xhud – omissis - moghtija fis-Seduta tal-5 ta’ Novembru, 2004 fejn din ix-xhud, inter alia, qalet: “......................................................” “Nghid f’okkazzjoni ta’ meta t-tifel kien ghamel il-Grizma, l-imputat kien ta’ lit-tifel cappetta tad-deheb u r-ragel kien irrabja dwar dan ghaliex kienet wisq *expensive* gejja minn habib li jixtri rigal ta’ dan it-tip, li kien bniedem li ma jahdimx.” “.....................................................”

“F’okkazzjoni ohra l-imputat kien ta lit-tifel tieghi karozza tar-remote control kbira. Bhala rigali li semmejt, dawn zgur naf li l-imputat kien ghaddihom lit-tifel tieghi.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tirrimarka li dak hawn fuq riportat mid-deposizzjoni tax-xhud – omissis - (Seduta 5/11/2004) jikkontrasta hafna ma’ dak li qal l-imputat fix-xhieda tieghu u fl-Istqarrija tieghu (Ara Dok LCP2). L-istess deposizzjoni tax-xhud – omissis - issahhah il-kredibilita’ tal-versjoni moghtija minn – omissis -.

Ezaminati provi prodotti u fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova b’mod sodisfacenti is-sussistenza tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Carmel Vella.

Il-Qorti tiddikjara li mill-fedina penali tal-imputat esebita bhala Dok LC2 (Ara ukoll vera kopja fotostatika ta’ Sentenza esebita bhala Dok RDP1 u deposizzjoni tal-Ispettur illum Supretendent Raymond D’Anastas moghtija fis-Seduta tal-5 ta’ Novembru, 2004) jirrizulta li fit-12 ta’ Dicembru, 1995 l-imputat odiern Carmel Vella kien gie misjub hati ta’ reati bhal dawn odierni u l-Qorti qed tirrileva dan ghal fini tal-kalibrazzjoni tal-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 203, 86, 87 u 209 tal-Kodici Kriminali.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Carmel Vella hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-gravita' tar-reati u l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat diga' gie misjub hati ta' reati bhal dawn odierni, tikkundanna lill-imputat Carmel Vella ghall-piena komplessiva ta' tlett (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija u elf, mija u erba' u sittin Euro u disgha u sittin centezmu ta' Euro (Euro 1164.69) multa.

Kwantu ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2005, peress illi ma jirrizultax li f'din il-kawza gew inkorsi spejjes maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------